MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Numru 1011/2002

**Il-Pulizija**
**Supretendent Alexandra Mamo**
v

**PAUL BALZAN**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PAUL BALZAN** ta' sitta w tletin sena, bin Joseph u Cetta nee Falzon, imwieled Pieta` nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Settembru 1966 u residenti 25, Triq Gregorio Cefai, Imtarfa, detentur tal-karta tal-identita` numru 423366M gie imressaq quddiemha akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin u cioe fl-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2002 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti li jiksru l-

istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb tal-kummerc merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u cioe` sigaretti Rothmans Blue foloz;

2. Talli bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, mmanufattura, dduplika jew b'mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew b'mod iehor offra ghall-bejgh jew biex iqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-Awtur li jkollha persuna w protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;

3. F'isem l-Kontrollur tad-Dwana talli fl-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2002 wara intervent u tfittxija li saret mill-Ufficjali tad-Dwana u tal-Pulizija fil-fond Qormi Bocci Club, instab li kien fil-pussess billi kellu depositati ghandu, biegh jew espona ghal bejgh sigaretti li jikkonsistu fi tmien pakketti Rothmans Blue, bil-faxex tad-Dazju tas-Sisa falsifikati, u dan bi hsieb li jifforda lil Gvern minn dazju u taxxi li jkunu jmissu jithallsu u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni, s-sigaretti in kwistjoni, li gew maqbuda ghandhom valur ta' zewg liri maltin, Dazju ta' Sisa ta' hames liri sitta w tletin centezmu u tmien millezmi, Taxxa tal-Valur Mizjud [VAT] ta' lira w ghoxrin centezmu w imposta [LEVY] ta' disghin centezmu u hames millezmi, liema Dazju tas-Sisa, VAT w imposta [LEVY] ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

4. F'isem l-Kontrollur tad-Dwana talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, iffalsifika xi kon, boll, marka jew xi mezz iehor li jintuza mill-Gvern, jew taht l-awtorita tal-Gvern, ghalbiex jintghamlu faxex ta' dazju tas-sisa jew ghalbiex jimbolla jew jimmarka dawk il-faxen ai fini tal-Att dwar Dazju tas-Sisa;

5. F'isem l-Kontrollur tad-Dwana talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, iffalsifika xi kon, boll, marka jew xi mezz iehor falsifikati, impressjoni fuq xi materjal;

6. F'isem l-Kontrollur tad-Dwana talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, biegh u/jew espona ghal bejgh jew spacca jew uza xi kon, boll, marka jew mezz falsifikati jew impressjoni maghmula bihom;

7. F'isem l-Kontrollur tad-Dwana talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentement u minghajr raguni tajba kellu ghandu kon, boll, marka jew mezz falsifikati jew impressjonijiet maghmula bihom;

8. F'isem l-Kontrollur tad-Dwana talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, falsament ghamel uzu ta' kon, boll, marka jew mezz veri jew ghamel xi wiehed mill-atti msemmija fil-paragrafi (e),(f) u (g) tal-artikolu 16 tal-Kap 382 dwar Dazju tas-Sisa rigward impressjonijiet foloz maghmulin b'ghodod veri;

9. F'isem l-Kontrollur tad-Dwana talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, kien b'xi mod xjentement involut f'xi evazjoni jew tentattiv ta' evazjoni tad-dazju li ghandu jingabar bis-sahha tal-Att dwar Dazju taas-Sisa;

10. F'isem l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, huwa akkuzat talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, instab li kien fil-pussess billi kelllu depositat ghandu jew espona ghal bejgh tmien pakketti b'ghoxrin sigarett kull pakkett, Rothmans Blue, bil-faxex tad-Dazju tas-Sisa falsifikati, u dan bi hsieb li jifforda lil Gvern minn dazju u taxxi li jkunu jmissu jithallsu u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni, s-sigaretti in kwistjoni, li gew maqbuda ghandhom valur ta' zewg liri maltin, Dazju ta' Sisa ta' hames liri sitta w tletin centezmu u tmien millezmi, Taxxa tal-Valur Mizjud [VAT] ta' lira w ghoxrin centezmu w imposta [LEVY] ta' disghin centezmu u hames millezmi, l-importazzjoni tal-ogetti hawn fuq imsemmija hija projbita u/jew ristretta, liema Taxxa fuq il-Valur Mizjud [VAT] ma gietx imhallsa u/jew kawtelata.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna l-konfiska tal-sigaretti kollha esibiti.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil istess imputat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat ghaxra ta' Dicembru 2002 esebit fl-atti a fol 12 w immarkat dokument CSH 4 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dana kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 kif jirrizulta a fol 13 tal-atti odjerni.

Rat wkoll il-fiat tal-Kontrollur tad-Dwana esibit a fol 10 tal-atti markat bhala dokument CSH 2 u l-fiat tal-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud esibit a fol 11 tal-atti markat bhala dokument CSH 3 u dan sabiex jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat odjern.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tal-hamsa ta' Jannar 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 **xehdet l-allura Spettur Alexandra Mamo** [fol 14] fejn qalet li nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2002 l-iskwadra ta' kontra l-frodi kellha *briefing* wara nofsinhar li fis-suq kien hemm ghal bejgh sigaretti tal-marka Rothmans li kienu foloz u gew mitluba sabiex imorru f'diversi hwienet u lokalitajiet ta' Malta sabiex jghamlu spezzjoni ghal dawn sigaretti allegatament foloz. Qalet li dan il-*briefing* sar fil-presenza ta' certu Alfred Cappello li hu l-*head* tal-*Fraud Squad* tad-Dwana. Qalet li f'dan il-*briefing* gew infurmati li dawn is-sigaretti kellhom jaghrfuhom mill-linji fuq il-pakkett, il-

*bundle roll* kien mill-antiki, blue u mhux orangjo u anke l-*bundle roll* kien coated daqxejn wahda *glossy*. Qalet li hija messha l-lokalita ta' Hal Qormi u nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2002 ghal habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar hija marret, flimkien mal-Pulizija tal-Iskwadra ta' Kontra l-Frodi u zewg ufficjali tad-Dwana, certu Chris Galea u Stefan Vella, f'diversi hwienet f'Hal Qormi. Qalet li meta marret fil-Bocci Club ta' Hal Qormi, kien hemm l-*bar attendant* certu Francis Debono fejn wara li ddentifikaw ruhhom minn kienu, qaltlu li kienet ser taghmel tfittxija ghal sigaretti foloz u li kellhom is-Sisa falza. Dan Francis Debono qalilha li kull ma kellu kien tmien pakketti u dan gabhomlha minn jeddu minn taht l-bank biex tarhom. Qalet li hi ghamlitlu ricevuta u hadithom maghha ghal aktar investigazzjoni. Qalet li mad-daqqa t'ghajn dehru foloz u dan ghaliex l-pakkett tar-Rothmans kellu l-*bundle roll* blue u fil-fatt dak iz-zmien kien orangjo u *coated* u bil-linji rqaq fuq il-kaxxa. Qalet li staqsiet fuq minn hu l-permess u rrizultalha li kien fuq certu Paul Balzan, l-imputat odjern. Francis Debono qalilha wkoll li Paul Balzan kien xtrahom minghand certu Gwido Vella tal-Cash & Carry u ghalhekk f'dak l-mument issospendiet l-investigazzjoni taghha hemmhekk u marret tkompli tinvestiga ghand Gwido Vella tal-Cash & Carry. Qalet li minn din t-tfittxija ghand Gwido Vella ma rrisultalha xejn fis-sens li ma sabet ebda pakkett sigaretti simili ghal dawk li kienet elevat mill-Bocci Club u meta staqsiet lil Gwido Vella xi domandi, wara li tatu is-solita twissija skond l-ligi, dan cahad maghha li qatt kellu sigaretti simili ghaliex hu kien jixtri minghand s-Central Cigarettes u l-Austria Tabacc. Qalet li wara li ghafsitu aktar biex jitkellem dan Gwido Vella qal li Paul Balzan gieli xtara minghandu pero mhux minn dawn is-sigaretti.

Nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar 2002 ghall-habta tas-siegha u nofs ta' wara nofsinhar mar Paul Balzan, l-imputat minn jeddu ghandha fl-ufficju u wara li tatu s-solita twissija li ma kienx obbligat li jirrispondi pero dak li kien ser jghid kien ser jitnizzel bil-miktub u jingieb bhala prova, l-imputat voluntarjament irrilaxxja stqarrija li hija mmarkata bhala dokument CSH 5 esibita a fol 19 tal-atti.

Qalet li bazikament fl-istqarrija tieghu l-imputat baqa jinsisti li kien xtara dawk is-sigaretti minghand Gwido Vella u wkoll kien inghata ricevuta. Stqarret li kull ma kien hemm fuq din r-ricevuta li giet moghtija lil imputat kien hemm tmien pakketti sigaretti Rothmans Blue u ma kien hemm xejn li jindika jew jiddistingwi pakkett Rothmans Blue ghal pakketti ohra. Qalet li l-imputat qalilha li ma kienx jaf li dawk kienu foloz u li d-dazju tas-sisa kien falz.

In kontro ezami din x-xhud ikkonfermat li l-imputat kien taha ricevuta markata bhala dokument CSH 7, pero din kienet minghand il-Cash & Carry u kienet tikkoncerna xiri ta' sigaretti li kien xtara lejliet l-investigazzjoni maghmula minnha u kienet tirreferri ghal grossa wahda ta' ghaxar pakketti.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 **xehed Joseph Borg** [fol 23] fejn ikkonferma d-dokument CSH 2 li effettivament hu l-fiat tal-Kontrollur tad-Dwana datat disgha w ghoxrin ta' Ottubru 2002 ffirmat minn Alfred Pace bhala Kontrollur. Dan ix-xhud esibixxa wkoll nota ta' qbid li biha nqabdu s-sigaretti in kwistjoni li giet mmarkata bhala dokument CSH 8 w ikkonferma wkoll l-firma tal-Kontrollur fuqha u esibixxa materjalment t-tmien pakketti sigaretti Rothmans Blue [dok CSH 9] li gew mghoddija lilu.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 **xehed Stefan Vella** [fol 26] li qal li huwa kien presenti mal-Ufficjal Prosekutur meta saret l-ispezzjoni fil-fond Bocci Club f'Hal Qormi u li meta staqsew lil min kien inkarigat ghal sigaretti, dan tahom tmien pakketti sigaretti Rothmans Blue, li skond l-informazzjoni li kienu nghataw, deherlu li kienu foloz. Dan ix-xhud ikkonferma d-dokument CSH 9 li huma s-sigaretti esibiti bhala l-istess sigaretti li gew elevati dakinhar. Qal li fil-pussess taghhom kellhom pakkett sigaretti mhux originali u ghalhekk setghu jaghmlu komparazzjoni mieghu. Qal li meta staqsew lil *bar tender* minn fejn kien akkwista dawn is-sigaretti dan qalilhom li minghand Gwido Cash & Carry u meta marru ghand dan Gwido Cash & Carry biex jaghmlu tfittxija ulterjuri, din rrizutlat fin-negattiv. Mistoqsi minn kien l-*bar tender*, dan ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf u qal li meta staqsew lil *bar*

*tender* ghas-sid tal-imsemmi bar, dan qal li dakinhar kien indispost.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 **xehed Chris Galea** [fol 28] li qal hu jahdem id-Dwana u li fl-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2002 kien gie moghti struzzjonijiet sabiex flimkien mal-Pulizija jaghmlu tfittxija w investigazzjoni dwar possibilita ta' sigaretti foloz fl-inhawi ta' Hal Qormi. Qal li dakinhar stess ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija, mar l-Bocci Club f' Hal Qormi u staqsew lil *bar tender* jekk kellux xi sigaretti u dan minn taht l-bank tahom tmien pakketti sigaretti Rothmans Blue. Qal li peress li kellhom fil-pussess taghhom pakketti sigaretti mhux originali, setghu jaghmlu komparazzjoni ma dak li nghataw w irrizultalhom li dan kien pakkett sigaretti falz u dan peress li l-*bundle roll* kienet blue antika u *glossy* mhux matta. Dan ix-xhud wkoll ikkonferma d-dokument CSH 9 li huma s-sigaretti esibiti bhala l-istess sigaretti li gew elevati dakinhar. Qal li meta staqsew lil *bar tender* minn fejn kien akkwista dawn is-sigaretti dan qalilhom li minghand Gwido Cash & Carry u meta marru ghand dan Gwido Cash & Carry u ghamlu tfittxija hemmhekk din rrizultat fin-negattiv. Qal li l-*bar tender,* certu Francis, kien qalilhom li l-licenzja ma kienetx fuq ismu u li kien xtrahom persuna ohra li ghandu l-licenzja f'ismu u cioe certu Paul Balzan li dakinhar ma kienx fl-istabbiliment.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 **xehed Frank Tartaglia fil-kapacita tieghu ta' Valuation Officer mad-Dwana** [fol 30] li qal li mid-*data base* li ghandhom jikkalkola li d-dokument CSH 9 u cioe l-pakketti tas-sigaretti esibti, jiswew hamsa w ghoxrin centezmu 'l wiehed u li ghalhekk l-valur totali taghhom huwa ta' zewg liri maltin.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 **xehed Norman Buckle** [fol 32] li qal li hu c-Chairman tal-Bundle Roll Board. Meta gie muri d-dokument CSH 9, dan ix-xhud qal li dan qatt ma setgha hareg mill-importatur u dan peress li t-tip ta' karta qatt ma dahlet fl-ufficju taghhom. Fil-fatt dan ix-xhud esibixxa kopja tal-*bundle roll* li hija *sample* u li tindika li hija kopja matta [dok CSH 10]. Qal li jekk wiehed

ihares lejn l-*bundle roll* uzata fuq dan is-*sample* fit- tmin pakketti esibiti, din hija *coated glossy* u differenti minn dik esibita minnu u dik t-tip ta' karta qatt ma dahlet Malta. Qal li l-*bundle roll* blue kienu jintuzaw sa Novembru 2000. Qal li l-*bundle roll* f'Novembru 2001 sa Novembru 2002 kien rosa u bhala Chairman tal-Bundle Roll Board kien f'posizzjoni li jghid liema karta ghandha tintuza u hija dik simili bhal dik esibita bhala dokument CSH 10.

Illi nhar l-hmistax ta' Mejju 2003 **reggha xehed Norman Buckle** [fol 36] u esibixxa d-dokument Z li hija *bundle roll blue* u qal li minn ricerka li ghamel sab li kopja ta' dan il-*bundle roll blue* kien mahrug fis-sena ta' wara. Qal li t-tip tal-karta hija l-istess. Qal li huma marbutin bil-ligi li meta jaghmlu *internal auditing* meta jkun hemm *bundle* extra, huma jiddisponu minnu u dan sal-inqas *bundle* u ghalhekk l-*bundle roll* bl-ammont fuq il-pakkett zgur ma setghax ikun li jkollu kopja tieghu ghaliex kienu gew distrutti.

Illi nhar l-hmistax ta' Mejju 2003 **xehed Reuben Vella** [fol 39] li qal li hu ghandu negozju Wines & Spirits u Tobacco u li jbiegh mill-*outlet* Gwido Cash & Carry f'Hal Qormi u jesporta wkoll. Qal li d-direttur kienu hu u missieru. Mistoqsi jekk kienx jaf lil imputat, dan ix-xhud wiegeb fl-affermattiv u dan bhala klijent regolari tal-hanut taghhom. Qal li l-imputat kien jonfoq bejn hames u sitt mitt lira fil-gimgha u dan peress li kien jopera l-kazin ta' bocci f'Hal Qormi. Qal li anke kien jixtri birra, spirti u tabakk u cioe sigaretti kif wkoll sigarri minghandhom. Qal li l-imputat kien jixtri kull tip ta' sigaretti biex jbieghhom fil-hanut tieghu. Qal li kien hemm zmien, li ma setghax jiftakar meta, meta l-Pulizija ghamlet tfittxija fil-hanut taghhom u dan fil-presenza kemm tieghu kif wkoll ta' missieru. Qal li huma ghandhom licenzja sabiex jbieghu sigaretti u li s-sigaretti li ghandhom fil-hwienet taghhom, jixtruhom minghand s-Central Cigarettes. Qal li apparti dawk tas-Central Cigarettes, jixtru wkoll mill-Austria Tabacc u li sigaretti minghand in-nies ma jixtru qatt. Qal li kien jaf li l-*bundle roll* tas-sigaretti nbidlet minn blue ghal safra u qal li ma jafx li qattx bieghu xi sigaretti bil-*bundle roll* aktar antik bi prezz aktar baxx minn dak li kien hemm fis-suq fiz-zmien. Ikkonferma li s-sigaretti li kien jbiegh lil imputat

dejjem hargu fuq *invoice*. Mistoqsi jekk qattx ghamel tibdil ghal xi klijenti fis-sens li huma jgibulu xi prodott u hu jaghtihom prodott iehor minfloku, dan ix-xhud wiegeb fl-affermattiv u fil-fatt qal li dan jghamlu b'mod regolari mal-klijenti taghhom u dan kemm rigward xorb kif wkoll sigaretti. Mistoqsi x'kien partat sentejn ilu, dan ix-xhud qal li ma jiftakarx.

Illi nhar t-tlieta ta' Novembru 2003 **xehed Doctor Anthony Borg Cardona** [fol 43] li esibixxa kopja tal-kwerela awtentikata minnu li giet mmarkata bhala dokument Z u kopja tal-prokura tieghu biex jidher ghar-*right holder* li giet mmarkata bhala dokument Z 1 [fol 45 u 46]. Qal li hu kien qed jidher ghas-socjeta Rothmans of Pall Mall Limited, socjeta Ingliza. Meta gie muri d-dokument CSH 6 [fol 20] kkonferma li dak hu kopja tad-dokument Z1 li kien ghadu kemm esibixxa w ikkonferma l-firma tieghu fuqu.

Illi nhar t-tlieta ta' Novembru 2003 **xehed Paul Scicluna** [fol 47] li qal li hu kien qed jixhed ghan-nom w in rappresentanza tal-Kummissarju tal-VAT. Dan ix-xhud esibixxa *letter to prosecute* ffirmata minnu f'isem il-Kummissarju datata tletin ta' Ottubru 2002 mahruga fil-konfront tal-imputat li giet mmarkata bhala dokument Z 3 [fol 49].

Illi nhar t-tlieta ta' Novembru 2003 **xehed Gwido Vella** [fol 50] li qal li hu ghandu hanut Cash & Carry f'Hal Qormi minn fejn ibiegh spirti, minerali u sigaretti. Mistoqsi jekk kien jaf lil imputat wiegeb fl-affermattiv u qal li kien jaf li kellu l-klabb tal-Bocci f'Hal Qormi. Qal li l-imputat kien jixtri minghandu b'mod regolari spirti, sigaretti u helu. Meta gie muri d-dokument CSH 7 [fol 7] ikkonferma li dan kien dokument mahrug mit-tifel tieghu Rueben Vella ghan-nom tal-kumpanija tieghu u li din kienet ricevuta li kienet tirreferi ghl Bocci San Gorg kif rappresentata mill-imputat odjern. Qal li skond dik r-ricevuta l-imputat kien xtara Heineken u Rothmans ghal perjodu tat-tlieta w ghoxrin ta' Jannar 2002. Qal li wara dik id-data, saret tfittxija fil-hanut tieghu u dan fil-presenza tal-Pulizija u ufficjali tad-Dwana. Qal li hu ghandu agenzija tas-sigaretti u li dawn

jixtrihom minghand s-Central Cigarettes. Qal li t-tip ta' sigaretti li ghalihom staqsewh il-Pulizija, u li gie muri, hu qatt ma kellu fil-hanut taghhom. Qal li fil-hanut ma jkunx wahdu u li ghandu lavrant, u jkun hemm kemm il-mara kif wkoll t-tifel tieghu. Ikkonferma li gieli ghamlu tpartit fis-sens li bniedem imur bi prodott u jaghtuh prodott iehor minfloku. Qal li apparti xorb alkoholiku gieli biddel sigaretti.

Illi nhar t-tnax ta' Marzu 2004 u nhar l-hdax ta' Ottubru 2004 **xehed Ronald Abela** [fol 55 u 67 rispettivament] li qal li hu jahdem mas-socjeta Central Cigarette bhala General Manager. Qal li l-fabbrika l-Pulizija gieli hadulu sigaretti li allegatament ikunu nvoluti f'kutrabandu jew ikunu *counterfeit*. Qal li dwar s-sigaretti li tkellmet mieghu fuqhom il-Pulizija, huwa ghamel tfittxija fir-records taghhom. Qal li s-sigaretti in kwistjoni gew ezaminati minn certu John Chetcuti bhala *operations director* u li fil-fehma tieghu dawn kienu *counterfeit*. Qal li l-*file number* taghhom kien 5/02/15. Qal li tad-dwana lilu ma qalulux fejn sabuhom. Qal li fil-fehma tieghu is-sigaretti li gew ezaminati min John Chetcuti kienu *counterfeit*. Meta gie muri d-dokument CSH 9, dan ix-xhud qal li dawn ma kienux veri. Qal li l-kulur blue fuq il-pakkett huwa aktar car minn dak mahrug minnhom u fuq l-abjad suppost li jkun hemm linji grizi cari li whud qeghdin hemmhekk. Qal li l-bollol in kwistjoni ma jigux *printed* minghandhom. Meta fetah wiehed minn dawk is-sigaretti [dok CSH 9] qal li l-karta taghhom hija differenti minn dik uzata minnhom. Qal li kienu ta' kwalita nferjuri u l-kulur tat-*tipping* huwa differenti wkoll. Qal li b'dak ried jfisser li s-*shape* tat-*tipping* kien differenti.

Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2004 **xehed l-imputat** [fol 71] fejn ikkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar 2002 [fol 19 dok CSH 5]. Qal li minghnd Gwido Vella kien jixtri regolarment, gieli grossa u gieli tnejn. Qal li s-sigaretti in kwistjoni kienet grossa normali bhal l-ohrajn. Meta gie muri r-ricevuta esibita a fol 22, qal li din kienet *invoice* li kien tah Gwido Vella dakinhar. Qal li meta hu kien tkellem ma Reuben Vella hu kien qallu li s-sigaretti li jixtri minghandu riedhom bis-

sewwa u fil-fatt kien bieghlu dawk iz-zewg kartuniet bis-sewwa.  Cahad li hu kellu x'jaqsam mal-akkuzi kif moghtija fil-konfront tieghu.  Qal li Rueben kien qallu li kien fadallu xi sigaretti bl-irhis u meta gie mistoqsi mill-Prosekuzzjoni x'fehem meta qallu li kienu bl-irhis, l-imputat wiegeb li fehem li kienu *old consignment* fis-sens li t-tikketta kienet inbidlet fuqhom u ghalhekk kien qed jbieghhomlu bi prezz irhas.  Qal li kien jbieghom bl-istess prezz qabel ma giet z-zieda.  Qal li xtrahom bi prezz regolari u li dak l-hin ma kienx jaf li t-tikketta fuqhom kienet wahda falza.  Qal li dakinhar kien xtara grossa wahda biss.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-fatt jekk is-sigaretti in kwistjoni kienux foloz jew le, il-Qorti taghmel referenza ghal dak verbalizzat fl-atti nhar l-hdax ta' Ottubru 2004 fis-sens li "bla pregudizzju ghal htija, l-imputat qabel li s-sigaretti in kwistjoni mhumiex originali."
Illi l-ewwel akkuza moghtija fil-konfront tal-imputat hija dik prospettata fl-artikolu 298(1)(f) li jiddisponi is-segwenti:

*"Kull min xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh, jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbha b'qerq."*

Illi bir-rispett kollu dovut lejn il-Prosekuzzjoni, din kellha tipprova s-segwenti elementi ghal ezistenza ta' dan r-reat u cioe li l-imputat <u>xjentement</u>:

a. qieghed <u>fic-cirkolazzjoni</u>, <u>biegh</u>, jew <u>zamm ghandu</u>, jew <u>importa</u>;

b. ghal hsieb ta' kummerc;

c. merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema mxebbhin b'qerq.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li verament l-imputat pogga ghal bejgh, fic-cirkolazzjoni ghal hsieb ta' kummerc,

merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema mxebbha b'qerq pero l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx li l-imputat dan ghamlu xjentement.

Illi **l-imputat irrilaxxja stqarrija** a tempo vergine tal-investigazzjoni w ikkonferma li huwa kien xtara b'mod regolari is-sigaretti in kwistjoni mertu ta' din il-kawza minn hanut maghruf bl-isem 'Gwido Cash & Carry' f'Hal Qormi u dan nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Jannar 2002, skond il-*cash sale* esibita bhala dokument CSH 7 a fol 22 tal-atti.

Illi jirrizulta li d-dirigenti tal-istabbiliment Gwido Cash & Carry, u cioe Gwido u ibnu Reuben Vella jikkonfermaw li l-imputat verament jixtri mercja minghandhom b'mod regolari konsistenti f'xiri ta' sigaretti, xorb alkoholiku u helu f'ammont ta' bejn hames mija u sitt mija kull gimgha.

Illi l-imputat, bla tlaqliq, meta gie mistoqsi meta kien xtara l-ahhar minghand Gwido Vella Cash & Carry, qal li kien lejliet t-tfittxija tal-Pulizija u fil-fatt esibixxa ricevuta minnufih lil Pulizija Ezekuttiva. Huwa, *a sua insaputa*, spjiega wkoll li hafna *stock* ma jzommx ghaliex kien gie derubat diversi drabi.

L-imputat wkoll qal min kien qdih dakinhar li xtara s-sigaretti in kwistjoni u fil-fatt, din il-persuna Reuben Vella, meta xehed l-Qorti, ma cahadx din l-asserzjoni.

Dak il-hin stess, l-imputat gie mistoqsi jekk kienx jaf li s-sigaretti kienu foloz, huwa wiegeb li ma kienx jaf. Anzi jghid ex admissis, "*xtrajthom bis-sewwa bid-dazju imhallas*."

Illi l-Qorti m'ghandiex ghalfejn tiddubita lil imputat f'dak li qal lil Pulizija a tempo vergine tal-investigazzjoni, u sussegwentement di nuovo **l-Qorti** nhar l-erbatax ta' Dicembru 2004, u **ghalhekk tiddikjara li din l-ewwel akkuza ma tirrizultax ippruvata b'mod sodisfacenti**.

Issa minn ezami tal-atti jirrizulta li s-socjeta estera Ingliza Pall Mall Limited tat prokura specjali lil Dottor Andrew Borg Cardona sabiex dan jassisti u jghin lil Pulizija

Ezekuttiva sabiex tipprotegi d-drittijiet taghhom intellettwali proprjeta ta' Rothmans u awtorizzatu jinizja proceduri ghan-nom taghhom [dok Z a fol 45].

Illi skond ittra mghoddija lil Pulizija Ezekuttiva nhar l-erbatax ta' Novembru 2002, l-istess Dottor Andrew Borg Cardona, ta l-kunsens tieghu sabiex hija tkun tista tipprocedi kontra l-imputat Paul Balzan detentur ta' karta tal-identita numru 453962M a bazi tal-artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dwar t-tieni akkuza** u cioe dik naxxenti mill-artikolu 298B il-Qorti tinnota li skond l-proviso tal-istess artikolu hemm provdut li:

*"Procedimenti taht dan l-artikolu ma jisthux jittiehdu hlief bil-kwerela tal-parti offiza."*

Issa, minn ezami ta' dan d-dokument u appuntu tan-numru tal-karta tal-identita indikat fuq dan id-dokument ta' Paul Balzan jidher li hemm diskrepanza man-numru tal-karta tal-identita ta' Paul Balzan l-imputat odjern ghaliex skond in-numru tal-karta tal-identita tal-imputat kif moghti mill-Pulizija, huwa ghandu disgha w tletin sena u <u>mhux</u> wiehed w erbghin sena.

Illi ghalhekk, ma jirrizultax b'mod sodisfacenti li l-Pulizija Ezekuttiva kellha l-prokura minghand l-allegat vittma sabiex tipprocedi kontra l-imputat odjern u ghalhekk **il-Qorti tiddikjara li ma ssibux hati ta' din l-akkuza it-tieni akkuza u tilliberah minnha**.

Illi **dwar t-tielet akkuza** u cioe li l-oggetti misjuba ghand l-imputat ma kellhomx dazju imhallas, d-Difiza ma qalet xejn u strahet biss fuq il-provi migjuba.

Illi, skond l-artikolu 77 tal-Kap 37 u cioe l-Ordinanza tad-Dwana, l-legislatur ried li l-oneru tal-prova li, kuntrarjament ghal dak li jigri fil-maggor parti tal-kawza penali, jaqa fuq l-imputat. Dan l-artikolu jipprova tlett cirkostanzi kuntrarjament ghal dak li tipprovdi l-legislazzjoni Ingliza, huwa l-imputat li jrid jipprova:

a. li d-dazju tad-Dwana gie mhallas fuq l-oggetti maqbuda;
b. li l-oggetti maqbuda gew impurtati jew trasportati legalment;

c. jipprova l-post minn fejn originaw l-oggetti.

u ghalhekk <u>f'dawn it-tlett kazi biss l-oneru tal-prova gie spustjat minn fuq il-Prosekuzzjoni ghal fuq l-imputat</u>. Dan il-fatt gie konfermat fis-***sentenza moghtija nhar s-sittax ta' Gunju 1984 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Vella**.

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 1990*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Victor Calleja**, intqal li:

*"Kull prova ghalhekk li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi nskritta minn dan l-artikolu u permezz tieghu jidher car li l-prova li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas d-dazju. Minn hemm 'l quddiem, l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat." [vide wkoll* ***Il-Pulizija v J.M. Deguara*** *deciza mill-****Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Settembru 1990****].*

Fis-sentenza wkoll moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta ta' April 1971*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v George Bellizzi**, gie ritenut li:

*"Il-Prosekuzzjoni <u>m'ghandiex</u> bzonn tipprova li d-dazju fuq s-sigaretti ma kienx thallas, izda ghal kuntrarju, in vista tal-artikolu citat tal-Kap 60* [illum 37] *kien imiss lil imputat jipprova li d-dazju relattiv kien thallas jew li kellu raguni valida jahseb li kien thallas jew inkella b'xi mod kawtelat."*

Illi anke fl-artikolu 82(2) tal-Att XXIII tal-1998 dwar t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, insibu li l-oneru huwa spustjat fuq l-imputat li jipprova li huwa ha l-passi kollha mehtiega u necessarji sabiex jottempera ruhu mal-ligi.

Issa, bir-rispett kollu f'dan il-kaz, l-imputat ma ghamel xejn minn dan u ghalhekk zgur li ghandu jinstab hati talli evada d-dazju fuq tmien pakketti sigaretti.

**Dwar r-raba, l-hames, s-sitt, s-sebgha w it-tmien akkuza**, naxxenti mill-artikolu 16(d)(e)(f)(g)(h) tal-Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti nnotat li dawn l-akkuzi **qatt ma messhom inghataw mill-Prosekuzzjoni**, ghaliex m'ghahdom x'jaqsmu xejn mal-fatti kif prodotti mill-istess Prosekuzzjoni.

<u>Il-Qorti tissolecita lil Prosekuzzjoni toqghod aktar attenta meta tigi biex tipprepara l-akkuzi fil-konfront t'imputat ghaliex ma hux gust li imputat jigi faccjat b'akkuza meta din qatt ma tista tirrizulta fil-konfront tieghu.</u>

**Dwar id-disgha akkuza**, din **ma tirrizultax ppruvata** u dan ghaliex minn imkien ma jirrizulta li l-imputat <u>xjentement</u> kien involut f'xi evazjoni tad-dazju.

**Il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 298(1)(f), 298B u 533 tal-Kap 9, l-artikolu 62 tal-Kap 37, l-artikolu 16(d)(e))f)(g)(h)(j) tal-Kap 382 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Att XXIII tal-1998 u l-Avviz Legali numru 118 tas-sena 1992 u l-Avviz Legali 120 tas-sena 1992 **tiddikjara li qed issib lil imputat PAUL BALZAN <u>hati tat-tielet akkuza</u> u tikkundnnah ghal hlas ta' multa ta' hamsa w ghoxrin lira maltin [LM 25] u stante dak dispost fl-artikiolu 62 proviso "c" tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta <u>tikkundannah ghal gurnata prigunerija sospiza ghal sentejn</u> ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li <u>ma ssibux hati tal-kumplament tal-akkuzi</u> u tilliberah minnhom.**

**Tordna li ai termini tal-artikolu 62 tal-Kap 37 li terz mill-multa fuq inflitta u cioe tmin liri tlieta w tletin centezmu u tlett millezmi [LM 8.33.3] tigi meqjusa bhala dejn civili u ghandha tithallas lil Gvern ta' Malta.**

<u>Tordna wkoll l-konfiska tas-sigaretti esibiti f'dawn il-proceduri favur il-Gvern ta' Malta</u>.

Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra tal-espert tekniku Martin Bajjada ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti rat li ma kienx hemm tali nomina fil-process u ghalhekk qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------